# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Numru 26 Mejju Ġunju 1998

BirdLife MALTA

Stampat fuq karta riċiklata

**filfla tiffolla...**

paġ 3



**150**



paġ 12

**FAR OUT FAR OUT**

paġ 4





Ray Galea

*Paletta*



Leblieba - tapit sajfi ta' qniepen roża

# editorjal

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 26** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq...QERD IN-NAĦAL** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Gallerija** | **paġ 7** |
| **Oħloq Annimal** | **paġ 7** |
| **Attività** | **paġ 8** |
| **Bolli għall-Ballut** | **paġ 9** |
| **Ħmerijiet li nisma'** | **paġ 9** |
| **Żarmajna l-Ożown** | **paġ 10** |
| **Gruppi Lokali** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **X'rat il-Kamera** | **paġ 12** |
| **STIKER GĦALIKOM** | **paġ 12** |




Ġurat tal-Qtajja'

## Faċċata ta' Quddiem

## Paletta

(*Platalea leucorodia* - Spoonbill)

Tajra kbira, f'Malta tidher skarsa fil-pases tar-rebbiegħa u tal-ħarifa. Xi drabi tinżel waħda l-Għadira (ara Il-Ħuttafa 10 u 18), u tiġbed berdwoċers bħal kalamita!

## Ħbieb l-HUTTAF



Għoġbitkom Il-Ħuttafa bil-kulur, jew?! Jiena ġġennint meta rajtha - dak l-għasfur ta' San Martin donnu ried joħroġ mill-istampa!

Tgħiduli: U ejja, u ejja, ħa nkomplu nagħmluha bil-kulur il-Ħuttafa! Ħeqq, jien kieku hekk nixtieq. Imma, ħej, tiġina għalja wisq - ma jistax ikun noħorġuha kull darba bil-kulur. Biex nagħmluha dejjem bil-kulur irridu nsibu 'l min jirriklama fil-magażin, u b'hekk l-ispejjeż jonqsu.

Bis-saħħa tal-Ħuttafa 25 u tax-xogħol li għamlu l-Leaders tagħna waqt il-Greenweek, daħlu fi Klabb Ħuttaf **150 membri ġodda**. Fil-fatt f'isem BirdLife, ngħid grazzi kbira lil-Leaders li tawna ħinhom (u saħħithom) fil-Greenweek 98, biex l-armata ta' l-ambjentalisti żgħar u żgħażagħ tkompli tikber.

Is-sajf magħna, u daqt il-vaganzi. Gawdu, gawdu u gawdu! Imma ibżgħu, ibżgħu u ibżgħu għall-annimali u l-pjanti tax-xtut u tal-baħar. Il-bebbux, il-granċijiet, l-imħar, il-bram, il-ħut, ir-rizzi, l-alka kollha jridu jgħixu, u jgħixu fil-paċi. Mela nirrispettaw ix-xewqa tagħhom, u nġibu ruħna sew magħhom!

**Wara kollox, il-baħar huwa d-dar tagħhom iktar milli qatt jista' jkun tagħna.**

Victor

Victor Falzon
Editur



granċ tal-bebbuxu


**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**
Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Angèle Pulis, Chris Pulis, Sharon Sultana.


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħargiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, slide-shows, video-shows u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet.
Klabb Ħuttaf għandu wkoll (s'issa) 5 Gruppi Lokali fil-pajjiż.
Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.


**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Ġunju1998

aħbarijiet

# Blalen bis-saqajn, jiġru fit-tajn!





Jari Salonen

Il-**Monakella** reġgħet bejtet l-Għadira. Min żar ir-riserva matul l-ewwel ġimgħat ta' Mejju seta' jara lill-Mamà Monakella mixħuta għal żaqqha, issaħħan u tindokra l-bajd bil-għaqal. Ħadd ma kien għadu jaf kemm għandha.

Imma min żar ir-riserva fl-aħħar ġimgħat ta' Mejju sab xena iktar imċaqalqa. Għax dak il-bajd faqqas, u issa **hemm jiġru 'l hawn u 'l hemm erba' blalen sufin bis-saqajn.**

Hekk hu! Dis-sena l-Monakella kellha erbat ifrieħ, donnu biex tfakkarna li din kienet ir-raba' sena li bejtet f'pajjiżna!






## Mid-Djarju ta' Filfla

Joe Sultana u Charles Gauci, l-aktar żewġ *bird ringers* antiki ta' BirdLife, dir-rebbiegħa fuq Filfla rringjaw **73 ferħ** tal-Gawwija Prima. Dan l-għasfur ibejjet fuq Filfla, l-aktar fuq il-parti ċ-ċatta ta' fuq tal-gżira. Iż-żewġ ringers qalulna wkoll li b'kollox fuq Filfla hemm bħalissa mal-**mitejn par ta' Gawwija Prima**. Il-Gawwija Prima (yellow-legged gull) hija l-ikbar għasfur li jbejjet fil-gżejjer Maltin. Sa ftit snin ilu kien ibejjet ukoll ma' l-irdum ta' Malta u Għawdex, imma l-kaċċaturi qerduhom bil-misħuta kaċċa mill-baħar. Ir-riserva naturali ta' Filfla issa hija l-aħħar kenn li baqgħalha dit-tajra tal-ġenn.



Victor Falzon

**Fid-dinja ma baqax iktar minn 4000 tigra! U bir-rata li qed jinqatlu għall-pil u għall-għadam tagħhom, sa 5 snin oħra jistgħu jkunu spiċċaw... għal kollox! U għal dejjem.**



# X'għandna mid-Dinja!

## Diżastru fid-Doñana




Lbiċ ta' Spanja ...il-park famuż **Coto Doñana** ...fost l-aqwa *wetlands* ta' l-Ewropa ...mimli għasafar u annimali ...ajkli ...paletti ...linċa (lynx). Żewġ xmajjar ...Guadalquivir u Guadiamar ...iferrgħu l-ilmijiet fid-Doñana...
Lbiċ ta' Spanja ...minjiera minerali ...ġibjun mimli skart kimiku mill-minjiera...
**24 April 98** ...il-ġibjun jinfaqa' ...toħroġ kimika tal-biża' ...titniġġes ix-xmara ...Guadiamar!
Gvern Spanjol ...gafef u nġenji ...digi u kanali ...tinbidel ir-rotta tax-xmara Guadiamar ...l-ilma u l-kimika jmorru ...dritt il-baħar...
Madwar il-Guadiamar ...ħafna raba' mniġġes...
Matul ix-xatt ...ħafna ramel imniġġes...
Fil-baħar ...ħafna ħut mejjet...
Imma tgħid ...**id-Doñana salvawh?**

BBCWildLife Magazine June 98






## firien bye bye!

Il-Pitcairn huma erba' gżejjer żgħar fl-Oċejan Paċifiku (atlas tajjeb iġibhom) Nies jgħixu fuq waħda minnhom biss. L-oħrajn ġenna ta' l-art, b'ħafna tajr tal-baħar ibejtu fuqhom. Imma għandhom problema... **firien kullimkien!**

Għax fejn jersaq il-bniedem jidħlu miegħu l-firien. U dawn jagħmlu ħerba sħiħa mill-bejtiet ta' l-għasafar.

Is-sena l-oħra tim ta' speċjalisti marru Pitcairn, u **fi ftit xhur qerdu l-firien kollha minn fuq tlieta mill-gżejjer.** Issa l-għasafar, ħafna minhom rari u endemiċi, jistgħu ibejtu bla biża'!

Dis-sena jmiss lir-raba' gżira!

IUCN World Conservation 97-98

# KOMPETIZZJONI 26

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | M | E | I | M | A | G | V | G | P | B |
| X | S | R | R | E | X | N | F | E | A | I | K |
| L | L | P | J | Q | U | E | Q | L | T | T | O |
| P | E | Y | A | J | A | I | R | L | T | I | L |
| L | M | P | F | N | G | M | L | E | E | R | F |
| T | E | L | E | L | J | M | L | R | L | R | I |
| K | I | D | A | Q | Q | U | Q | A | A | O | B |
| S | Z | G | H | J | J | S | L | N | P | S | K |
| E | G | A | R | N | I | J | A | E | C | S | A |
| D | X | D | A | K | R | O | B | J | T | L | W |
| N | H | P | O | D | H | F | Y | N | U | T | U |
| R | S | D | I | V | T | T | E | S | S | U | R |

## Sib il-Par

*Norman Chetcuti*
*(Mr Fittexusib)*

Did-darba għandek 14-il għasfur maqbud f'taħbila ittri. Biex issibhom imxi laġenba, 'il fuq, 'l isfel jew żurżieqa. Jekk issibhom kollha għandek tinduna li żewġ ismijiet huma l-istess. **Liema hu dan l-għasfur li jidher darbtejn?** Ikteb l-isem fuq karta, daħħal ismek u l-indirizz u ibgħatha (ċans għandek sat-30 Ġunju 98) lil **BirdLife Malta (Klabb Ħuttaf) POBox498 Valletta CMR 01**
Ir-rebbieħ jingħata **CD** ġentilment mogħti mill-ħanut **The Scorpion** (ara isfel).

Ir-risposti ta' Komp 25 kienu **Daqquqa tat-Toppu, Għasfur ta' San MArtin, Kanġu ta' Filfla, Russett tas-Siġar, Qerd in-Naħal** u **Ajkla tal-Kalzetti**. Ir-rebbieħ kien **David Cristina** ta' Santa Luċija. David jista' jmur jiġbor is-CD li rebaħ mill-ħanut The Scorpion, u jieħu miegħu l-membership card.

THE SCORPION

**Martial Arts, Keep-fit, Sports and Music**

**The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave., Paola PLA19**
**Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284**



## Nitħrumbjaw fuq...

# il-Qerd in-Naħal



**Settembru 1996 kien wieħed speċjali għall-berdwoċers. Għal aktar minn ġimagħtejn, kull min mar il-Buskett seta' jara qatgħa ta' xi mitt Qerd in-Naħal iħufu, jittajru wara l-insetti u l-friefet, u jitperrċu fuq xi waħda mis-siġar kbar li hemm f'dal-masġar. Spiss kienu jinżlu fuq xi wajer li hemm jaqsam il-wied. Jien kont immur kważi kuljum, armat bi tromba u b'teleskopju biex noqgħod nitpaxxa b'dawn l-għasafar.**

U veru kien ikun fihom biex titpaxxa. L-ilwien tal-Qerd in-Naħal huma xi ħaġa ta' l-għaġeb. Kannella ħamrani dehbien fuq id-dahar, isfar jgħajjat fuq l-għonq, u blu kważi turkważ minn taħt. L-għamla hija misluta u eleganti, b'munqar twil u mgħawweġ u denb ippuntat li jispikka ħafna. Saqajh huma qosra ħafna, fil-fatt bilkemm jidhru! Bla dubju, dan huwa wieħed mill-isbaħ għasafar ta' l-Ewropa.

Meta nkunu berdwoċing, l-aħjar mod kif naraw il-Qerd in-Naħal huwa billi noqogħdu attenti għat-tisfira tiegħu, speċi ta' *pruipp, pruipp*. Tant twassal din it-tisfira, li kemm-il darba nisimgħuha bla ma naraw l-għasfur innifsu. Dan għaliex ikun fl-għoli jew 'il bogħod wisq.

Il-Qerd in-Naħal iħobb iżomm fi qtajja' u ġeneralment ipassi fl-għoli; kultant, imma, taf tinżel qatgħa f'xi wied jew ġnien kbir. Post hekk huwa San Anton, li huwa tajjeb għal ħafna għasafar waqt il-passa. U jekk inkunu verament ixxurtjati forsi anke narawhom jikkaċċjaw l-insetti.

Il-Qerd in-Naħal ibejjet fl-inħawi tan-nofsinhar ta' ħafna mill-Ewropa. Huwa għasfur li jbejjet f'kolonji, jiġifieri gruppi li spiss ikun fihom ħafna pari u bejtiet viċin xulxin. Għalkemm ma jbejjitx f'Malta, il-Qerd in-Naħal jidher ta' spiss waqt il-passa.

Fir-rebbiegħa, meta l-għasafar ikunu telgħin lejn l-Ewropa biex ibejtu, narawh l-aktar f'April u Mejju, u ġieli anke f'Ġunju. Fil-ħarifa spiss jidhru qtajja' mdaqqsin f'Settembru. Jingħad li fl-imgħoddi dan l-għasfur kien ibejjet fostna, f'postijiet bħall-għaram tar-ramel (*sand dunes*) tar-Ramla l-Ħamra t'Għawdex. Illum, minħabba l-kaċċa u minħabba l-qerda ta' l-ambjent, ftit hemm ċans li jerġa' jibda jbejjet fostna.

| | |
|---|---|
| Malta | **Qerd in-Naħal** |
| Ingliż | **Bee-eater** |
| Xjentifiku | ***Merops apiaster*** |

**Però ma naqtgħux qalbna: niftakru fir-riserva tas-Simar, li llum hija d-dar tal-Gallozz iswed, tar-Russett tas-Siġar u tal-Bagħal tal-Qasab, fost għasafar oħrajn. B'naqra ħsieb, għad forsi ngawdu l-ilwien tal-Qerd in-Naħal is-sena kollha!**




**Mark Falzon**



# ittri





## Jien qbiżt għalih!

Għażiż Editur,

Ftit ilu kont fil-ġnien ftit 'il bogħod mid-dar tagħna, nilgħab ma' sħabi. Fil-ġnien kien hemm ħafna siġar u jien ħsibt li jkun hemm ħafna annimali. Għalhekk morna nduru biex forsi nsibu xi ħaġa.

F'ħin minnhom rajt kamalejonte. Jien mort ngħid lil sħabi biex jiġu jarawh. X'ħin ġew bdew iwaddbulu l-ġebel. Jien ippruvajt inwaqqafhom, imma għalxejn. Imma mbagħad irnexxieli għax għedtilhom: Issa jekk kontu minfloku kontu tbatu bħalma qed ibati issa. Tafu wkoll li ftit hawn kamalejonti.

Dawn waqfu u ħaduha tagħlima. Insellimlek.

Victoria Aquilina (11)

Għażiża Victoria,

Il-ħsara kollha li ssir fid-dinja lill-annimali hija kollha kemm hi minħabba li ħafna nies ma jafux jieqfu mument u jgħidu, "Issa kieku jien kont dak l-annimal..."

B'xorti ħażina, **ħafna nies jaħsbu li d-dinja hija tal-bnedmin biss**, u li n-nies biss għandhom id-dritt jgħixu. Donnu l-annimali qegħdin hemm bħal ġugarelli, biex nagħmlu li rridu bihom! Imma mhux kulħadd huwa hekk. L-għaqdiet ambjentali bħal BirdLife jeżistu biex jitkellmu f'isem l-annimali u biex jiddefenduhom. Għalhekk prosit, Victoria. Ibqa' sejra hekk!

L-Editur




## Jien ħallast għalih!

Sur Editur,

Jiena mort mal-familja Għawdex, u bħalma nagħmlu s-soltu l-ewwel post li morna kien ir-Rabat.

Fir-Rabat hemm pjazza kbira u f'rokna minnhom rajt tifel ibigħ żewġ għasafar ġo gaġġa waħda, li ma kinitx akbar minn 20x20x20ċm, jekk mhux inqas. Ġo kaxxa oħra rajt kamalejonte ġo gaġġa.

Dawn l-annimali m'għandniex naqbduhom hekk biex inbigħuhom, għax qegħdin biex jgħixu fil-kampanja, fil-libertà bħalma ngħixu aħna. Jiena xtrajthom dawn l-annimali u ħarrabthom fil-kampanja naturali.

Christopher Aquilina
Ħ'Attard

Għażiż Chris,

Ngħidu ħafna kontra l-kaċċa, u forsi mhux daqshekk kontra l-insib. Imma fil-fatt **l-insib ħaqqu stmerrija daqs il-kaċċa**, għax jagħmel ħafna ħsara wkoll.

In-nassab ukoll jisraq il-kampanja mill-ġmiel u l-varjetà tagħha. Allavolja ma joqtlux lill-għasfur, xorta jisraqlu l-libertà, kif għedt inti stess. Barra minn hekk, dak l-għasfur ma jistax iktar ibejjet fin-natura, u għalhekk kull għasfur maqbud ifisser bejta inqas is-sena d-dieħla!

L-Editur






*Ma' dil-ħarġa se ssibu karta li ħafna minnkom jiftakruha mis-sena l-oħra. Hekk hu, qed ngħidu għall-Kampanja biex niġbru flus għar-riserva naturali tas-Simar. Is-sena l-oħra ħafna minnkom ħadu sehem fil-Kampanja u **ddubbaw flokk speċjali.***

*Peress li mis-sena l-oħra 'l hawn daħlu skoss membri ġodda, u peress li għad baqgħalna biżżejjed fuljetti għal rawnd ieħor, u peress li baqgħalna skoss flokkijiet x'inqassmu, iddeċidejna li **nagħtu ċans ieħor lil min is-sena l-oħra ma ħax sehem.***

*Naturalment, min diġà kien ħa sehem jista' bil-qalb kollha jerġa' jingħaqad fil-**Kampanja għas-Simar!***

progett ALIVE

### Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!




BirdLife Malta
(Klabb Ħuttaf)
POBox 498
Valletta CMR 01

# Gallerija

Bonnie Attard (7)



Xagħat ta' Baħrija

Steven Borg (12)



Pluviera

David Attard (11)



Denfil Geddumu Qasir

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, uża karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk timxi mar-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

# Oħloq annimal

**Żewġ annimali mill-kmamar ta' l-immaġinazzjoni ta' żewġ membri oħrajn, li rebħu wkoll poster tal-Merill. Niltaqgħu mela ma'...**




Isem: BAMBOTAŻ

**Fejn jgħix:** Fil-friżer
**X'jiekol:** Silġ li jkun hemm fil-friżer.
**Aktar tagħrif:** Il-Bambotaż għandu snien qishom tal-piranha, u jigdmu ħafna. X'ħin jigdem iħalli marka ta' żigżag u tista' tmut. Minn denbu, li qisu bużżieqa, joħroġ qisu bżieq li jwaħħal ħafna. Għandu 20 sieq li bihom jiġri ħafna, u diffiċli taqbdu.
**Ħolqien ta':** Charlene Duca




Isem: ĦANEXBUSTER

**Fejn jgħix:** Fil-ħamrija
**X'jiekol:** Ħniex u insetti
**Aktar tagħrif:** Xejn
**Ħolqien ta':** Ronald Sultana



# Lejla kraft Lejla baħar





Żmien il-baħar! Żmien l-għawm! U għalhekk din id-darba se naqbdu mas-suġġett tal-baħar, u naraw x'nivvintaw...Se jkollna kraft, se jkollna reċta... Ħeqq, u bħas-soltu xi ħaġa xi nnaqqru ma tonqosx!



**Data:** Il-Ġimgħa 26 Ġunju 1998
**Ħin:** 6.30 - 8.00pm
**Post:** Skola Primarja Furjana
**Prezz:** 50ċ (fil-bieb)
**Ġibu:** Kaxxa kbira vojta ta' xi ċereali (corn flakes, eċċ)
Kuluri (crayons, lapsijiet, li tridu)





# Għal Ta' ĊENĊ

**Ħarġa għall-membri li għalqu t-12-il sena.**



Ray Galea

**Se naqsmu** l-fliegu...
**Se mmorru** Għawdex...
**Se nimxu** sa Ta' Ċenċ...
**Se ngawdu** ġmiel l-irdum...
**Se naraw** ix-xemx nieżla...
**Se nistennew**... iċ-Ċief!!!
**Se nisimgħu**... iċ-Ċief!!!
**Se norqdu** barra...
**Se niġu** lura bil-vann...
U bħas-soltu...
**Se nieħdu** gost!



| | |
|---|---|
| **Data:** | Il-Ġimgħa, 17 Lulju 1998 |
| **Ħin:** | 3pm |
| **Niltaqgħu:** | Taħt l-arloġġ, iċ-Ċirkewwa |
| **Niġu lura:** | Bejn 8am u 9am |
| **Ċemplu:** | 230684 (filgħodu) biex tibbukkjaw (ċans sat-13 Lulju) |

**Ġibu...**
- kutra jew sleeping bag
- insect repellant
- xi flokk oħxon għal-lejl
- żarbu komdu għall-mixi
- ħwejjeġ mhux puliti!
- flus għall-vapur (Lm1.75)
- flus għall-vann (<Lm1)

**Iġġibux...**
- blalen • freesbees • radjijiet
- torċijiet • malji ta' l-għawm


## nature worlds

Ma' dil-ħarġa qed jaslilkom fuljett dwar il-**Krystal Water Conditioner**. Dal-prodott ma jħallix ġebla tinġema' fuq apparat tad-dar, bħal magni tal-ħasil, dixxwoxers, giżers, ktieli, kanen ta' l-ilma eċċ. Għalhekk l-apparat jaħdmilkom aħjar u għal aktar żmien. Bil-**Krystal Water Conditioner** ma jkollkomx għalfejn tużaw aċidi fid-WC. U għall-ambjent din hija aħbar tajba!
Mhux hekk biss, imma għal kull **Krystal Water Conditioner** li jinxtara, BirdLife tingħata għotja ta' flus!
Mela ejja! Għinu lill-ambjent, għinu lil BirdLife... u għinu lil dik il-povra magna tal-ħasil!

# bolli GĦALL-ballut





BirdLife

X'qed jagħmlu dawn it-tfal? Fejn qegħdin? Min hu r-raġel fuq il-lemin? X'qed jagħtuh it-tfal? Qtajtu? Hekk hu! Il-kampanja **Bolli għall-Ballut** irnexxiet. Mill-bejgħ tal-bolli li bgħattulna intom, **għaqqadna fl-aħħar il-Lm50**. U bil-flus **xtrajna 180 qasrija**.

It-tfal fir-ritratt huma membri Ħuttaf, il-post huwa r-riserva tas-Simar, dak ir-raġel huwa Mario Gauci, il-gwardjan tar-riserva, u t-tfal qed jippreżentawlu l-qsari biex fihom jitkabbru s-siġar fir-riserva. Siġar li xi darba għad ikunu parti mill-Foresta 2000!




## Prosit kbira, Klabb Ħuttaf!

# Ħmerijiet li nisma'...

*Desirée Falzon*

**Qatt qalulkom biex il-wiżgħa ma tmissuhiex għax titlagħlek il-ġilda kollha ponot? Kemm hawn nies li meta jaraw waħda mal-ħitan tad-dar malajr tara ħiereg il-bott ta' l-isprej ... u miskina wiżgħa!**

Jaħasra xi ħmerijiet! L-ewwelnett il-ġilda tiegħek ma ssir bħal ta' l-ebda annimal li tmiss. Minn meta sar jitlagħlna l-pil għax immellsu qattus!? Vera li l-ġilda tal-wiżgħa tkun imqabbża, imma dan mhux sinjal ta' xi pesta li tittieħed! Din hija biss il-forma u l-kulur naturali tagħha. Bħalma l-ġilda ta' xi nies ikollha n-nemex ...u sa fejn naf jien in-nemex ma jittiħidx!

Ħafna nies ukoll ma jifilħux jaraw wiżgħa fid-dar, "li ma tmurx taqa' fuqi!!!". Dawn in-nies għandhom ikunu jafu li l-wiżgħa għandha idejn speċjali ħafna, apposta biex jaqbdu ma' l-iċken tumbata fil-ħitan, u għalhekk m'hemmx ċans li taqa'. Fil-fatt il-wiżgħa kapaċi mhux biss timxi, imma anke tiġri mal-ħitan wara l-insetti biex taqbadhom.



**Mela allura jekk għandek wiżgħa f'darek jaqbillek tħalliha, għax din teħilsek minn nemus, dubbien, kamla, baħrijiet tad-dqiq u tal-ħwejjeġ, susa tal-kotba u oħrajn.**

**Għall Ambjentali** — **Problemi li qed jagħmlu ħsara lill-ambjent naturali**

# KIF ŻARMAJNA L-OŻOWN!

*Elizabeth Conrad*




L-ożown huwa gass li nsibuh fl-arja. Meta l-ożown ikun qrib l-art, iħammeġ l-arja. Imma meta jinsab fl-għoli fl-atmosfera, **l-ożown jipproteġina mill-effetti ħżiena tar-raġġi ultra-vjola** (UV) li jiġu mix-xemx.

Xi 30km 'l fuq fl-atmosfera hemm **is-saff ta' l-ożown**. Fl-1985 xi xjenzati ndunaw li l-ożown fl-Antartika kien naqas ħafna. Kull sena din it-'toqba' fis-saff ta' l-ożown kompliet tikber, tant li fl-1995 din it-tiċrita **kibret daqs il-kontinent ta' l-Amerka ta' Fuq**!

L-ożown qed jinqered minħabba l-użu ta' ċerti kimiċi li fihom il-klorina. **Dawn il-kimiċi jgħidulhom CFCs.** Is-CFCs mhumiex kimiċi naturali, imma jagħmilhom il-bniedem. Is-CFCs jintużaw fil-produzzjoni ta' sprejs (bħal *deodorants*) u fl-industrija, eż. biex jagħmlu l-friġis u *air-conditioners*.

Il-klorina tagħmel ħafna ħsara għax din **tkisser l-ożown**. Meta farka (il-kelma preċiża hija atomu) klorina tiltaqa' fl-arja ma' l-ożown, l-ożown jitkisser u jsir ossiġnu. Il-problema hija li **dil-farka klorina ddum snin sħaħ fl-atmosfera**, u għal ħafna żmien tkompli teqred u teqred iktar u iktar ożown.




L-ożown huwa importanti ħafna għall-ħajja. Is-saff ta' l-ożown jipproteġina mir-raġġi UV tax-xemx, li huma perikolużi immens. Dawn ir-raġġi jistgħu jikkawżaw kanċer, u fil-fatt ix-xjenzati jgħidu li **għal kull 1% li nitilfu mill-ożown, jiżdiedu b'5% il-każijiet ta' kanċer tal-ġilda!** Ir-raġġi UV jqabbdu wkoll il-katarretti fl-għajnejn, u anke jistgħu jnaqqsu r-reżistenza li l-ġisem għandu kontra l-mard. Barra minn hekk, l-effett ta' l-UV qed jidher ukoll fl-annimali, speċjalment dawk li jgħixu fl-inħawi ta' l-Antartiku, u li jħobbu jixxemmxu. Bħall-fok!

## X'nista' nagħmel jien?

**Meta tixtri sprej, ixtri minn dawk *pump-action*. Jekk ma ssibx, aqra sew fuq il-bott u qis li jkunu *CFC-free* jew *ozone-friendly*.**

**Jekk il-ġenituri qed jitħajru għal friġġ ġdida, ġenninhom biex isibu waħda li jkollha tabella li tgħid *CFC-free*.**

**L-istess jekk *air-conditioner*.**

Dwar il-problema ta' l-ożown saru diversi konferenzi u laqgħat internazzjonali, u fil-fatt 81 pajjiż qablu li **sas-sena 2000 ikunu qatgħu għal kollox is-CFCs** minn pajjiżhom.



**Il-Wolrus** huwa wieħed mill-vittmi!

# GRUPPI LOKALI

**Ħamrun/Marsa**
Leaders: Caldon Mercieca (K), Marija Calleja
**Ħ'Attard**
Leaders: Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Valewrie Gauci, Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

# membru + membru

Dawn huma l-membri li f'Marzu u April **daħħlu membri oħrajn** fi Klabb Ħuttaf.

**Lisa C Xuereb**
**Maria Attard**
**Stephanie Abela**
**Ryan Farrugia**
**Amanda Vella**
**Andrew Agius**
**Trevor Mamo**
**Christine Pace**
**Christopher Attard**
**Stephanie Bugeja**
**Ronald Sultana**
**Charlton Agius**
**Louis J Vella**
**Charlene Bonnici**
**Charlton Pace**
**Irving Parnis**




# Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



## u LILEK nibagħtulek...



- **3 PITAZZI ta' BirdLife Malta** u
- **STIKER** (bil-kulur) **ta' għasfur**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Żgur żgur!**

**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________





**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta (Klabb Ħuttaf) POBox498 Valletta CMR 01.**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

## X'rat il-Kamera



Il-Kamera did-darba rat xena sabiħa ta' tfal...

Fejn?

Fil-Greenweek 98!

X'kienu qed jagħmlu?

Kienu qed jidħlu membri!

U kemm daħlu?

Daħlu 150!



Desirée Falzon







Din l-istiker kienet parti minn kampanja kontra l-ibbotiljar tal-luminata fi fliexken tal-plastik. Nirringrazzjaw lil MedEcology talli għaddewlna kwantità ta' stikers biex inxerrduha mal-membri ta' Klabb Ħuttaf.

Il-**plastik** huwa għadu ta' l-ambjent.
Il-plastik huwa ħolqien tal-bniedem u **mhuwiex materjal naturali**, bħall-injam jew metall.
Għalhekk meta jintrema, la jinħall u lanqas jitmermer. Idum **jeżisti għal ħafna u ħafna snin**.
U jibqa' jħammeġ u jniġġes l-ambjent.
Għalhekk fejn nistgħu nagħżlu, għandna **nippruvaw ma nagħżlux plastik**.



### Illitterat

Paul: Tlift il-kelb
Mary: Għax ma ġġibx avviż fil-gazzetta?
Paul: Għalxejn!
Mary: Għalxejn għaliex?
Paul: Il-kelb tiegħi ma jafx jaqra...

Jonathan Sammut